MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 22/2005

**Silvio Zammit**

**vs**

**Dr. Fracesco Depasquali bħal mandatarju ta' l-aħwa Carrie-Ann Grech u Trudie Grech;**

**u b'digriet tal-25 ta' Frar 2010, l-Avukat Dr. Carmelo Galea ġie kjamat fil-kawża bħala esekutur testamentarju tal-eredita tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech;**

**u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2012 l-avukat Dr. Kevin Mompala ġie nominat bħala kuratur 'ad litem' sabiex flimkien ma' l-Avukat Dr. Carmelo Galea, ġia parti fil-kawża, jieħu ħsieb l-interessi ta' wlied il-mejjet Carmelo Grech fl-atti taq' kin il-kawża, u dawk relattivi u sussegwenti.**

**Illum it-Tlieta, 8 ta' Jannar 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi:

Illi permezz ta' testment magħmul fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani fil-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (Dok. A) it-testatur Carmelo sive Charles Grech innomina lil Dr. Carmelo Galea u lill-attur Silvio Zammit bħala esekuturi testamentarji tiegħu;

Illi permezz ta' rikors ippreżentat minn Dr. Francesco Depasquale bħala mandatarju ta' l-aħwa Carrie-Anne Grech u Trudie Grech, werrieta tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech ġiet mitluba r-revoka ta' l-attur mill-kariga tiegħu ta' eżekutur testamentarja;

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja permezz ta' digriet mogħti fis-sebgħa (7) ta' Mejju 2004 (Dok. B) ordnat illi l-attur Silvio Zammit jiġi imneħħi minn esekutur 'stante in-nuqqas ta' l-interess fl-eredta' ta' l-imsemmi Charles Grech';

Illi din id-deċiżjoni ittieħdet wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja semgħet biss dak li kellhom x'jgħidu l-konvenut Dr. Francesco Depasquale u l-eżekutur testamenarju l-ieħor Dr. Carmelo Galea;

Illi l-attur ittenta permezz ta' diversi rikorsi jispjega lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja illi huwa ma kienx attenda għas-seduta li ġiet appuntata għas-smigħ tar-rikors hawn fuq indikat għaliex mill-uffiċċju tal-legali tiegħu infurmat illi d-data tas-seduta kienet is-sebgħa (7) ta' Mejju 2004 u meta tela' l-Qorti sar jaf li s-smigħ kien sar fil-ġurnata ta' qabel;

Illi huwa bl-ebda mod ma jista' jitqies li ma kellu nuqqas ta' interess fl-eredita tal-mejjet Charles Grech, u dana peress li qabel ma ġie mneħħi minn eżekutur testamentarju huwa beda ukoll numru ta' proċeduri legali sabiex jiġi żgurat li l-eredita' ta' l-istess Charles Grech tiġi salvagwardjata bl-aħjar mod possibbli, kif jiġi dettaljament ippruvat waqt is-smigħ ta' din il-kawża;

Illi l-attur jixtieq li jkompli jippresta s-servizzi tiegħu bħala eżekutur testamentarju sabiex ħadd ma jieħu vantaġġ mill-eredita' tal-mejjet Charles Grech, kif fl-aħħar mill-aħħar kienet ix-xewqa ta' l-istess decujus Charles Grech, li ċertament kellu r-raġunijiet tiegħu għaliex fit-tesment tiegħu huwa nnominja żewġ eżekuturi testamentarji u ċioe' lill-attur innifsu u lill-Avukat Dottor Carmelo Galea.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tirrevoka d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fis-sebgħa (7) ta' Mejju 2004 li permezz tiegħu l-attur tneħħa minn eżekutur testamentarju tal-mejjet Charles Grech;

2. Tordna illi l-attur jerġa' jiġi nominat bħala eżekutur testamentarju tal-mejjet Charles Grech u dana skond id-dispozizzjonijiet testamentarji ta' l-istess Charles Grech kif kontenuti fit-testment tiegħu tal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999).

Bl-ispejjeż inklużi dawk tar-rikors li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa l-konvenut qed jiġi mħarrek.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur maħlufa minnu.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa:

1. Illi l-azzjoni kif intavolata hija monka stante illi kellha tiġi istitwita kontra l-eżekuturi illi jirrapresentaw l-eredita' tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech, u mhux kontra l-

konvenut noe b'mod illi, il-ġudizzju m'huwiex integru u għalhekk il-konvenut noe għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi fit-tieni lok, l-azzjoni kif intavolata hija nulla u bla effett, stante illi tammonta biss għall-appell minn deċiżjoni ta' Qorti ta' Ġuridizzjoni Volontarja;

3. Illi, fit-tielet lok, l-interess tal-attur għandu jiġi identifikat u għandu, b'mod partikolari, jiġi stabilit f'liema kwalita' l-attur qiegħed jintavola l-azzjoni odjerna;

4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suepost, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi, u dana kif jintwera aktar fid-dettall waqt il-mori tal-kawża;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine kkonfermata bil-ġurament tiegħu.

Rat id-digriet tagħhha tal-25 ta' Frar 2010 fejn l-Avukat Dottor Carmelo Galea ġie kjamat fil-kawża bħala esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet ta' Dottor Carmelo Galea nomine li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fill-fatt, almenu fil-konfront tal-esponenti, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, eżekutur testamentarju li jkun ġie rimoss mil-kariga tiegħu b'orni tal-Qorti ma għandu ebda interess ġuridiku u ma għandu ebda dritt tutelabbli fil-liġi, li jitlob ir-reintegrazzjoni tiegħu f'dik il-kariga tiegħu. Tali dritt se mai jispetta lill-eredi tad-decujus; mentri l-eżekutur testamentarju rimoss jista' talvold jkollu dritt, fiċ-ċirkostanzi idonei (u ċ-ċirkostanzi odjerni ċertament mhumiex idonei), jaġixxi għal riżarċiment ta' xi danni illi huwa jkun sofra per

konsegwenza tar-rimozzjoni tiegħu f'każ illi jirriżulta illi din kienet inġusta u effettivament wasslet sabiex huwa jsofri xi danni simili;

3. Illi t-talba sabiex jiġi revokat *contario imperio* d-digriet tas-7 ta' Mejju 2004 hija inammissibbli fit-termini tat-Titlolu III tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak it-titolu jagħti d-dritt lill-eżekutur illi jattakka d-deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja biss fil-każ illi huwa jkun ġie sospiż, imma mhux ukoll meta huwa jiġi addirittura imneħħi mil-kariga tiegħu minn dik il-Qorti;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur ma jista' jlum lil ħadd ħliefu innifsu, jew l-avukat ta' allura tiegħu, jekk ħa l-informazzjoni dwar id-data ta' meta kellu jidher quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, skorrettament. U għalhekk id-deċizjoni ta' dik il-Qorti kienet waħda korretta u mhux ta' min jiddistrubaha b'xi mod;

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Qorti Ġurisdizzjoni Volontarja għandha, u kellha, kull dritt illi tirrimuovi eżekutur testamentarju mil-kariga tiegħu, u dan fit-termini tal-artikolu 518 u 519 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk independentament minn kull kondizzjoni oħra, dik id-deċiżjoni hija korretta, insindikabbli u kwindi ma tistax tiġi revokata;

6. Salvi eċċezzjoniijiet ulterjuri fid-dritt u fill-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-Avukat Dottor Carmelo Galea nomine minnu maħlufa.

Rat is-sentenza preliminari tagħha ta' l-4 ta' Novembru 2010.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2012 fejn l-Avukat Dottor Kevin Mompalao ġie nominat bħala kuratur *ad litem* in sostituzzjoni tal-konvenut nomine l-avukat Dottor Francesco Depasquale li sadanittant ġie elevat għall-maġistatura.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta’ Ottubru 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi ta’ l-attur u tal-konvenut Dottor Carmelo Galea nomine.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li jiġi revokat digriet ta’ din il-Qorti fil-kompetenza volontarja tagħha tas-7 ta’ Mejju 2004[1] li permezz tiegħu huwa tneħħa minn ko-esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech, u konsegwentement li jerġa’ jiġi integrat f’dan l-inkarigu. It-tieni u t-tielet eċċezzjoni ta’ l-esekutur testamentarju Dottor Carmelo Galea nomine ġew miċħuda bis-sentenza preliminari tagħha  ta’ l-4 ta’ Novembru 2010. Bl-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu l-istess kjamat fil-kawża jikkontendi li l-attur stess jaħti li tneħħa minn ko-esekutur u dan minħabba l-aġir tiegħu.  Jissottemetti wkoll li l-Qorti ta’ ġurisdizzjoni volontarja kellha kull dritt tneħħih fit-termini ta’ l-artikoli 518 u 519 tal-Kap.12. Minn naħa l-oħra l-eċċezzjonijiet preliminari kollha tal-konvenut nomine ġew illum superati, l-ewwel waħda bil-kjamata fil-kawża ta’ l-Avukat Dottor Carmelo Galea nomine, u l-oħrajn bis-sentenza *in parte* tagħha hawn indikata. Jibqa għalhekk biss sabiex jiġi trattat il-mertu ta’ din il-kwistjoni.

Irriżulta mill-atti illi bis-saħħa tat-testment tiegħu tal-31 ta’ Diċembru 1999,[2] Carmelo sive Charles Grech  kien innomina lill-attur  ko-esekutur testamentarju tiegħu flimkien mal-kjamat fil-kawża Dottor Carmelo Galea.[3] F’dan it-testment kien hemm kondizzjoni sospensiva fis-sens li l-eredi tat-testatur kellhom jidħlu fil-wirt meta jilħqu l-eta’ ta’ ħamsa u erbgħin sena, u f’każ ta’ premorienza, qabel ma tavvera ruħa din il-kondizzjoni, kellhom  jirtuħ

[1] Dok.B anness mac-citazzjoni a fol.9
[2] Dok.A anness mac-citazzjoni a fol. 6 – 8 tal-process
[3] Artikolu VI tat-testment

ħutu.[4] In segwitu għall-mewt tat-testatur, din in-nomina ġiet konfermata minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Volontarja taħha,[5] u l-istess attur u kjamat fil-kawża bdew jesegwixxu d-disposizzjonijiet testamentarji skond ix-xewqa u rieda tat-testatur. Ġara illi wara xi żmien ulied it-testatur, permezz tal-mandatarju tagħhom il-konvenut nomine, intavolaw rikors quddiem il-Qorit ta' Gurisdizzjoni Volontarja fejn, fost ħwejjeġ oħra, għamlu referenza għan-nuqqas ta' qbil li kien qed ikun hemm bejn il-ko-esekuturi, u li minħabba f'hekk l-esekuterija kienet qed tiġi mfixxkla.[6] In segwitu għal dan ir-rikors, dik il-Qorti tat digriet fejn *inter alia* neħħiet lill-attur minn ko-esekutur "*stante in-nuqqas tal-interess fl-eredita' tal-imsemmi Charles Grech,*" u dan wara li għamlet referenza għall-artikolu 776 tal-Kap.16.[7]

Huwa minnu illi a tenur tas-subinċiż (2) ta' dan l-artikolu l-esekutur testamentarju "**jista' wkoll, għal raġuni tajba, jiġi mneħħi minn esekutur,**" u li dan il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja setgħet tagħmlu fit-termini ta' l-artikoli 518 u 519 tal-Kap.12. Imma skond l-artikolu 518 il-Qorti setgħet tilqa' t-talba għas-sostituzzjoni ta' esekuturi jew amministraturi oħra "**meta huma ma jkunux iridu jaċċettaw il-kariga, jew imutu, jew xort'oħra jsiru inkapaċi biex jesegwixxu d-dmirijiet ta' dik il-kariga**." Fil-każ in eżami, huwa evidenti lir-raġuni tal-mewt ma tapplikax. Skond l-artikolu sussegwenti, imbagħad, għandu jkun hemm presunzjoni li l-esekutur ammetta t-talba għas-sostituzzjoni tiegħu, f'każ biss li ma tkunx inġiebet prova dwar ir-rifjut pożittiv tiegħu tan-nomina jew li dan kien inkapaċi jwettaq id-doveri tiegħu, u l-eskutur in kwistjoni jkun naqas li jwieġeb għat-talba tas-sostituzzjoni fi żmien erbat ijiem min-notifika lilu ta' din it-talba.

Kif rajna, dik il-Qorti ordnat it-tneħħija ta' l-attur minn esekutur "*stante in-nuqqas tal-interess fl-eredita' tal-imsemmi Charles Grech,*" [8] u allura li fehmet li ma riedx

---

[4] Artikolu V ibid.
[5] Ara atti tar-rikors nru.41/2004 quddiem il-Qorti ta' Ghawdex, Gurisdizzjoni Volontarja.
[6] Ibid.
[7] Ara kopja ta' dan id-digriet tas-7 ta' Mejju 2004, esebit bhala Dok.B a fol. 9 tal-process.
[8] Ibid.

ikompli fl-inkarigu presumibilment, (għax ma ġiex speċifikat f'hiex kien jikkonsisti dan in-nuqqas ta' nteress tiegħu), sempliċement għax naqas milli jwieġeb fil-ħin għar-rikors tal-konvenut nomine tat-23 ta' Marzu 2004 u milli jattendi għas-seduta li kienet ġiet appuntata għas-smiegħ ta' dan ir-rikors.

Imma l-fatti, kif anke jirriżultaw mill-provi prodotti f'din il-kawża, juru li l-attur altru milli kellu nteress ikompli jaqdi l-inkarigu tiegħu f'din l-esekuterija. Huwa spjega b'mod konvinċenti li ma attendiex għas-seduta in kwistjoni minħabba malintiż mas-segretarja ta' l-avukat li kellu dak iż-żmien, li ndikatlu data żbaljata, u dan wara li kien għadda l-kopja ta' l-istess rikors hekk kif irċevieħ lill-avukat tiegħu. Dan ġie anke konfermat b'mod kategoriku mill-Avukat Chris Said.[9] Fl-affidavit tiegħu u fil-bosta dokumenti minnu esebiti,[10] l-attur fisser ukoll fid-dettal kif huwa dejjem ħa l-ikbar interess f'din l-esekuterija sabiex jara li fil-likwidazzjoni ta' l-assi tad-*decujus* u l-bejgħ tagħhom ħalli jitħallsu d-djun li kien hemm, jinġieb l-aħjar prezz possibbli, u li ħafna mid-disgwid li kien hemm bejnu u l-ko-esekutur l-ieħor u l-eredi kien appuntu fuq liema offerta setgħet kienet l-aktar waħda vantaġġjuża. Hemm ukoll fattur ieħor li jkompli jikkonvinċi lil din il-Qorti bl-interess assidwu u personali ta' l-attur f'din l-esekuterija. Dan huwa l-fatt li martu u ħutha kienu ser ikunu l-eredi tad-*decujus* in sostituzzjoni għal uliedu, f'każ ta' premorienza tagħhom qabel ma dawn jilħqu l-eta' ta' ħamsa u erbgħin sena.[11]

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ġialadarba fir-rikors tal-konvenut nomine tat-23 ta' Marzu 2004 ma kienx qed jiġi allegat li l-attur ma riedx ikompli fl-inkarigu tiegħu u l-anqas li kien inkapaċi, anzi lmenta biss minn nuqqas ta' qbil bejn il-ko-esekutui u l-attidudini li l-attur kien qed jieħu fil-konfront ta' l-eredi u tal-esekutur l-ieħor, dak li messha għamlet il-Qorti ta' Ġurisidizzjoni Volontarja, kemm il-darba ħasset li

---

[9] Ara affidavit tieghu tat-28 ta' Frar 2007, Dok.I a fol.95 tal-process
[10] Ara affidavit tieghu a fol. 27 -33 u dokti. A sa J a fol. 34 – 46; ara wkoll affidávit ulterjuri tieghu tad-9 ta' Ottubu 2007 a fol. 68 - 84 u dokti. annessi minn Dok.A sa Dok.I a fol. 85 - 95
[11] Art.V tat-tesment ta' Carmelo Grech tal-31 ta' Dicembru 1999

l-konvenut nomine seta' kellu raġun f'dak li kien qed jallega, u l-esekuterija ma setgħetx tkompli titmexxa b'dak il-mod, kien li tissospendi lill-attur mill-inkarigu tiegħu bis-saħħa ta' l-artkolu 516 tal-Kap.12 u mhux li taqbad u tneħħieh għal kollox. L-attur imbagħad kien ikollu dritt a tenur ta' l-artikolu sussegwenti, li jintavola kawża quddiem il-qorti kontenzjuza biex tiġi mhassra dik l-ordni ta' sospensjoni.

Għalhekk, indipendentement mill-fatt tan-nuqqas ta' l-attur li iwieġeb fil-ħin għar-rikors tal-konvenut nomine tat-23 ta' Marzu 2004 u l-assenza tiegħu fis-seduta appuntata għas-smiegh ta' l-istess rikors, billi rriżultaw provi sufficenti li jindikaw b'mod mill-iżjed konvinċenti li l-attur qatt ma tilef l-interess f'din l-esekuterija, il-pretensjonijiet tiegħu rriżultaw ġustifikati u jimmeritaw konferma.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine u tal-kjamat fil-kawża, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tirrekova d-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tas-sebgha (7) ta' Mejju elfejn u erbgħa (2004), li permezz tiegħu l-attur tneħħa minn esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech; u konsegwentement;

2. Tordna li l-istess attur jerġa' jiġi nominat bħala esekutur testamentarju tal-mejjet Carmelo sive Charles Grech, u dan skond id-disposizzjonijiet testamentarji tiegħu kif kontenuti fit-testment tiegħu tal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elf disa'mija disgħa u disgħin (1999).

L-ispejjeż, kemm ta' din is-sentenza, kif ukoll ta' dik preliminari ta' l-4 ta' Novembru 2010, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ikunu a karigu ta' l-esekuterija ta' l-imsemmi Carmelo sive Charles Grech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------